*Artikolu 6 u 17 tal-Kap 486 tal-Ligijiet ta' Malta, tifsira ex-works*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023**

**Numru 12**

**Rikors Numru 875/20TA**

**Argus Insurance Agencies Limited (C 597) u b'digriet tat-18 ta' Mejju 2021 is-soċjeta' Argus Insurance Company (Europe) Ltd (OC 1216) ġiet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża minflok Argus Insurance Agencies Ltd.**

**vs**

**Kuehne + Nagel Ltd (C 10626)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Argus Insurance Agencies Limited (is-Soċjeta' rikorrenti) tat-30 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi s-soċjeta' Argus Insurance Agencies Ltd, bħala aġenta tas-soċjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited kienet ħarġet polza t'assigurazzjoni favur Methode Electronics Malta Ltd tat-tip Marine

Cargo Open Insurance Policy bin-numru P15MO00026 (kopja tal-polza hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AI1);

2. Illi s-soċjeta' assigurata Methode Electronics Malta Ltd kienet inkarigat lis-soċjeta' Kuehne + Nagel Ltd Ltd bil-ġarr ta' żewġ konsenji ta' merkanzija minn Malta għal Ġermanja, li nġarru fil-perjodu ta' bejn Awwissu u Settembru 2019. Konsenja waħda nġarret fi trailer bin-numru TR2090-A098556 u kienet tikkonsisti fi 8 pallets ta' 160 kartuna kontenenti 1,600 biċċa valve connectors bil-valur komplessiv ta' €37,776. Din telqet minn Malta għal Ġermanja fis-7 ta' Settembru 2019. Il-konsenja l-oħra kienet nġarret fi trailer bin-numru XA560HH-A0986271 u kienet tikkonsisti fi tlett pallets ta' 60 kartuna kontenenti 600 biċċa valve connectors bil-valur komplessiv ta' €14,166. Din il-konsenja telqet minn Malta fil-31 ta' Awwissu 2019.

3. Illi minn dawn iż-żewġ konsenji, tlett (3) pallets (minn fost iż-żewġ konsenji) li kienu qed iġorru sittin (60) kartuna kontenenti sitt mitt (600) biċċa ta' valve connectors ġew ritornati Malta mis-soċjeta' intimata għax kienu ġew danneġjati. Tali ħsara seħħet unikament b'tort tas-soċjeta' intimata;

4. Dawn il-valve connectors ma setgħux jintużaw u għaldaqstant il-Methode Electronics Malta Ltd kkunsidraw li dawn kienu 'total loss';

5. Illi s-soċjeta Methode Electronics Malta Ltd ippreżentat il-'claim' tagħha lil Argus Insurance Agencies Ltd li min-naħa tagħha inkarigat lis-surveyor Paul Ellul sabiex iħejji r-rapport fuq dan l-akkadut (kopja tar-rapport hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AI2). Għal dan ir-rapport, is-soċjeta' rikorrenti ħallset l-ammont ta' €944 (kopja tal-invoice hawn annessa u mmarkata Dok.AI3);

6. Illi in segwitu għal dan ir-rapport is-soċjeta' rikorrenti ħallset lill-assigurata tagħha s-somma ta' erbatax-il elf tlett mija u sitta u sittin Euro (€14,366) minħabba l-ħsarat ikkawżati mill-intimata, u dan permezz tad-discharge form (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AI4);

7. Illi s-soċjeta' rikorrenti għaldaqstant ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha kontra s-soċjeta' intimata;

8. Illi s-soċjeta' rikorrenti ħallset b'kollox l-ammont ta' ħmistax-il elf u tlett mija u għaxar Euro (€15,310) fuq din il-'claim';

9. Illi minkejja illi ġiet interpellata sabiex tħallas dan l-ammont, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq suesposti, is-soċjeta' rikorrenti umilment qegħdin titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi is-soċjeta’ intimata Kuehne + Nagel Ltd hija responsabbli għall-ħsara illi ġiet ikkawżata lill-merkanzija illi kienet qed iġġorr u ċioe’ l-ħsara li ġiet ikkawżata lil tlett (3) pallets li kienu qed iġorru sittin (60) kartuna kontenenti sitt mitt (600) biċċa ta’ valve connectors;

2. Tillikwida l-ammont ta’ danni illi għandhom jitħallsu lir-rikorrenti fis-somma ta’ ħmistax-il elf u tlett mija u għaxar Euro (€15,310), jew somma oħra verjuri;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas l-ammont hawn fuq imsemmi, u ċioe’ l-ammont ta’ ħmistax-il elf u tlett mija u għaxar Euro (€15,310), jew somma oħra verjuri bl-imgħax, lis-soċjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimata illi r-rappreżentanti tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta ta’ Kuehne+Nagel Ltd (is-Soċjeta’ konvenuta) tat-28 ta’ Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. “Illi t-talbiet attrici kif indirizzati fil-konfront tas-socjeta ntimata ghandhom jigu respinti peress illi l-istess socjeta ntimata ma hiex il-legittimu kontradittur stante li ma kellha ebda relazzjoni kontrattwali mal-assigurat tas-socjeta attrici fuq din il-konsenja u kwindi l-istess socjeta ntimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-fatt ghandu jirrizulta li r-relazzjoni tas-socjeta ntimata kienet biss mar-ricevitur barrani fil-Germanja tant li l-kuntratt de quo kien wiehed ta *ex works* kif jidher ukoll mir-rapport tas-surveyor Paul Ellul u mill-booking instructions moghtija mill-istess socjeta assikurata, Methode;

3. Illi fi kwlunkwe kaz u minnghajr pregudizzju ghal premess jinghad inoltre li s-socjeta ntimata qatt ma tista tigi ritenuta responsabbli ghall-allegati hsarat peress illi dawn gew kawzati mill-istess socjeta assikurata minnhabba li n-natura tal-materjal tal-ippakkjar ma hux adekwat ghal tali tragitt;

4. Illi ta min jispjega hawn li l-esercizzju tas-socjeta ntimata kien limitat biss ghat-tghobija (loading) tal-merkanzija u l-garr taghha minn post ghall-iehor u mhux ghall-ippakkjar ta l-istess u l-allegata hsara giet kawzata appuntu minnhabba ippakkjar b’materjal mhux adekawt;

5. Illis-socjeta assikirata Methode kienet gia konsapevoli tal-fatt li t-tip ta materjal uzat minnhom ghal packing ma kienx tajjeb bizzejjed ghal garr fis-sens li ma jiflahx ghal tali tragit u dana kif gia ndikat lilhom

mis-socjeta nitmata u kif diskuss diversi drabi precedentement fuq konsenji ohra;

6. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minnghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit inoltre li l-ammont reklamat huwa ezagerat stante li l-garr tal-merkanzija in kwistjoni huwa regolat bis-CMR rules (garr minn fuq l-art) li jfisser li d-danni jigu kwantifikati bil-piz, li f'dan il-kaz jammonta ghal **€3,723.51** u dana skond l-istess rapport Dok AIA2 redatt mis-surveyor Paul Ellul;

7. Illi oltre ghal dan l-ammont (a tenur tas-CMR rules) is-socjeta responsabbli mill garr fuq l-art ma hiex legalment responsabbli;

8. Illi l-fatti li jiformaw parti mill-kontenut ta l-odjerna risposta huma maghrufa personalment lill-esponent Frank Zammit;

9. Illi minn issa qed jigi riservat li jitresqu risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici, partikolarment in vista tal-fatt izda mhux biss il-ghaliex qatt ma nterpellat lis-socjeta ntimata qabel l-odjerna kawza, li d-dirigenti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2023.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjeta' Attriċi ħarġet polza ta' assigurazzjoni favur il-klijent tagħha Methode Electronics Malta Ltd. Din kienet tax-xorta Marine Cargo Open Insurance Policy u ġġib in-numru P15M0ooo26 (ara 5).

**2.** Is-Soċjeta' Methode Electronics Ltd, u cioe' il-klijent tas-Soċjeta' Attriċi u allura l-assigurata, ħatret lis-Soċjeta' Konvenuta biex iġġorr żewġ konsenji. Dan ġara bejn Awwissu u Settembru tal-2019. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti *f'valve connectors* li kienu destinati għall-klijent ta' Methode Electronics Ltd fil-Ġermanja, għal liema pajjiż telqet il-merkanzija minn Malta. Pero' din il-Kawża tikkonċerna biss il-konsenja waħda li nġarret fuq trailer bin-numru XA560HH-Ao986271. Din kienet tikkonsisti fi tlett pallets ta' sittin (60) kartuna li fihom kien hemm 600 biċċa ta' valve connectors li għandhom il-valur komplessiv ta' (€14,166) li jirrapresenta il-parti l-kbira mis-somma li qed tintalab f'din il-Kawża.

**3.** Ġara li merkanzija mil-lott fuq imsemmi, ġiet ritornata lura mis-Soċjeta' konvenuta peress li irrisulta li din kienet iddanneġjata. Dawn il-*valve connectors*, anke minħabba is-sensittivita' teknoloġika tagħhom, ma setgħux jintużaw aktar, u b'konsegwenza ta' hekk, is-Soċjeta' Methode Electronics Malta qiesithom bħala "*total loss*". Din is-Soċjeta' għamlet *claim* mas-Soċjeta' Attriċi. Din tal-aħħar inkarigat lil Paul Ellul bħala surveyor biex iħejji rapport dwar dan l-akkadut li sewa €944 (a' fol 16) liema somma ukoll qed tkun mitluba flimkien ma dik imsemmija aktar 'l fuq biex b'hekk iġibu s-somma totali ta' dak li qiegħed ikun reklamat f'din il-Kawża.

**4.** B'konsegwenza tar-rapport fuq imsemmi, is-Soċjeta' Konvenuta ħallset lill-assigurata tagħha Methode Electronics Ltd is-somma ta' €14,366 rappresentati valur tal-ħsarat tal-merkanzija fuq imsemmija (a' fol

32). Is-Soċjeta' konvenuta ġiet għalhekk surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha. Dan ifisser li s-Soċjeta' konvenuta ħallset b'kollox €15,310 li llum qegħdin jintalbu mis-Soċjeta' konvenuta permezz ta' din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Jidher li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt, illi l-ġarr tal-merkanzija mertu ta' din il-kawża kien maħsub mill-partijiet, li dan kellu jsir taħt ir-regolamenti tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR*) li llum hija parti mill-Liġi Maltija permezz tal-Kap. 486, u ma hemmx dubju li l-partijiet riedu li r-relazzjoni ta' bejniethom kellha tkun suġġetta għal din il-Konvenzjoni. Iżda l-mistoqsija li tagħmel din il-Qorti hi, jekk hux tassew minnu li dak li għandha quddiemha din il-Qorti hux regolat minn Kap 486 tal-liġijiet ta' Malta.

**6.** L-uniku dokument li għandha quddiemha din il-Qorti dwar il-ħolqien tal-kuntratt ta' ġarr, huwa *waybill* (a' fol 23 a tergo). Dan id-dokument ma huwiex *bill of lading*. Għalhekk fil-waqt li *bill of lading* hija negozjabbli u prova tat-titolu tal-merkanzija għalhekk awtorattiva, *waybill* hija biss indikattiva ta' dak li jitniżżel fiha u l-anqas hija negozzjabbli. Għandha ħafna mil-*consignment no*te fis-sens kif irid l-artikolu tal-Kap 486 tal-liġijiet ta' Malta li inkorpora l-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija li artikolu 6(1) jiddisponi hekk:

"*The consignment note shall contain the following particulars*:

(a) the date of the consignment note and the place at which it is made out;

*(b) the name and address of the sender;(c) the name and address of the carrier;*

*(d) the place and the date of taking over of the goods and the place designated for delivery;*

*(e) the name and address of the consignee;*

*(f) the description in common use of the nature of the goods and the method of packing, and, in the case of dangerous goods, their generally recognized description;*

*(g) the number of packages and their special marks and numbers;*

*(h) the gross weight of the goods or their quantity otherwise expressed;*

*(i) charges relating to the carriage (carriage charges, supplementary charges, customs duties and other charges incurred from the making of the contract to the time of delivery);*

*(j) the requisite instructions for Customs and other formalities;*

*(k) <u>a statement that the carriage is subject, notwithstanding any clause to the contrary, to the provisions of this Convention</u>." (Emfażi tal-Qorti).*

**7.** Artikolu 6(1)k huwa maħsub biex joħroġ ċar li l-intenzjoni tal-partijiet hija li jridu li din il-konvenzjoni tipprevali fuq kull prinċipju ieħor tal-liġijiet ordinarji, partikolarment tal-Kodiċi Ċivili u dak Kummerċali fir-rigward tar-responsabbilita tat-trasportatur kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

**8.** B'dana kollu meta jkun hemm nieqsa d-dikjarazzjoni taħt artikolu 6(1)k, artikolu 7(3) tal-imsemmi Kap jiddisponi li "*If the consignment note does not contain the statement specified in article 6, paragraph 1 (k), the carrier shall be liable for all expenses, loss and damage sustained through such omission by the person entitled to dispose of the goods.*" Fi ftit kliem, meta jkun jidher li l-partijiet riedu li tapplika din il-liġi, xorta japplikaw l-istess prinċipji kif misjuba fiha, b'dana li t-trasportatur ikollu jwieġeb għad-danni kollha li tkun issubiet il-persuna li hija intitolat li tiddisponi mill-beni trasportati, li f'dan il-każ huwa l-assigurat tas-Soċjeta' Konvenuta, Methode Electronics Ltd, li bil-ħlas li rċeviet b'surroga mingħand is-Soċjeta konvenuta li għalhekk daħlet fid-drittijiet kollha tal-assigurat tagħha.

**9.** Issa artikolu 17.1 tal-imsemmija liġi jipprovdi li:-

*"The carrier shall be responsible for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery."*

Skond il-ġurista **Jan Ramburg fil-ktieb, *The Law of Carriage of Goods: Attempts of Harmonization - 9E.T.L. 1974***, il-bażi ta' responsabbilta' enunċjata fis-CMR mhix eskluża billi dak li ikun aġixxa diliġentament, iżda hemm oneru akbar mixħut fuq it-trasportatur, li jrid jieħu l-mezzi kollha biex jevita kull ħsara jew serq. Similment l-awtur **S. Zamara f'artikolu bl-isem ta' "Liability" Am. J. of Comp Law 1975** jgħid li "*the courts have been, reluctant to admit as a defense that the carrier has simply not been*

*negligent. Instead, they placed a heavy burden on the carrier to show specifically how the unavoidable circumstance caused the loss*".

**10.** F'dan ir-rigward ukoll **Malcolm A. Clarke *f'International Carriage of goods by Road: CMR*** jikteb hekk:

*"There is a temptation to exonerate the carrier on this ground, if he has taken all 'reasonable steps' to avoid the event causing loss… This would sit easily with the general duty of exercising reasonable care of cargo, which, it has been suggested will be implied in a contract to carry goods by road. But the defense in article 17 (2) makes no mention of reasonable steps and such steps are probably insufficient. What the carrier must show is more akin to the plea of impossibility of performance of a contract which involves an event which renders the contract not merely more onerous but completely impossible of performance. Writers on the CMR are agreed that the event must be one which literally 'could not' be avoided by the carrier. It need not however, like the concept of force majeur in France, be unforceseeable (sic) although many events will, by the very fact that they are foreseeable, be avoidable by the carrier of whom such a high standard is required."* (emfażi tal-Qorti).

**11.** Il-ġurisprudenza imxiet fuq din il-linja riġida fl-interpretazzjoni tal-klawsola relattiva tas-CMR (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet Sullivan -vs- Grech tal-P.A., tat-2 ta' Frar, 2001; Galdes -vs- Bowman tal-P.A. tal-25 ta' Jannar, 2002; u Farrugia noe vs Gatt nomine tal-QK tas-16 ta' Jannar, 1984,** fejn intqal li "*mhux bizzejjed li c-cirkostanzi kienu*

*straordinarji imma li jridu jkunu tant straordinarji li jirrenduha mpossibbli lill-carrier li jimpediha anke bl-akbar diligenza. L-essenza tad-difiza hija l-imprevedibbilta' u l-inevitabbilt'.*"

**12.** L-awtur **David Glass** f'**The Divided Heart of the CMR Convention 14 E.T.L. 1979** ukoll josserva li "*The carrier cannot hope, simply that ordinary care was taken, to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. <u>It follows that a high degree of proof is required on his part, normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part</u>".* (Emfażi ta' din il-Qorti).

**13.** Dan it-tagħlim ġie segwiet mill-Qrati tagħna f'għadd ta' Sentenzi fosthom fl-ismijiet **Bernard Sullivan et nomine -vs- Emmanuel Grech et nomine tal-P.A. tat-2 ta' Frar 2001 u John Galdes nomine -vs- Joseph Bowerman tal-P.A. tal-25 ta' Jannar 2002 u Farrugia nomine -vs- Gatt nomine tal-QK. tas-16 ta' Jannar 1984, Elmo Insurance Agency Limited et -vs- Fahrenheit Freight Fowarders Co. Limited tal-P.A. tad-29 ta' Ottubru 2004, Charles Borg nomine -vs- Francis Vella et nomine tal-P.A. tal-31 ta' Jannar 2003, Filtons Clothing Company Limited -vs- Sullivan Shipping Agencies Limited tal-P.A. tas-27 ta' April 2006) u Atlas Insurance Agency Limited proprio et nomine -vs- Falcotrans Limited tal-P.A. tas-26 ta' April 2007.**

**Konsiderazzjonijiet**

**14.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra l-pendenza li għandha quddiemha fid-dawl tal-fatti li jemerġu mill-provi gwidati mill-prinċipji legali fuq imsemmija.

**15.** Issir mill-ewwel referenza għal *waybill m*inn fejn jirrisulta b'mod ċar li hemm indikat li l-assigurata kienet qed tibgħat il-merkanzija EXW EX Works (Ara ukoll Affidavit ta' Priscilla Gatt a' fol 66). Minn riċerka li għamlet din il-Qorti, Il-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali ħarġet linji gwidi ta' xi tfisser din il-frażi u l-aħħar verżjoni tgħid hekk:

"Ex Works (EXW) is the Incoterms 2020 rule used to describe the delivery of goods by the seller at their place of business, normally in their factory, offices or warehouse. The seller does not need to then load items onto a truck or ship, <u>and the remainder of the shipment is the responsibility of the buyer</u> (e.g.overseas shipment and customs duty). EXW is therefore more favourable to the seller as they do not need to worry about the freight once it has left their premises".

**16.** Dan jidher li kien il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti għaliex meta s-Soċjeta konvenuta aċċettat l-inkarigu li titrasporta l-merkanzija dan għamlitu b'din il-kundizzjoni. Di fatti ffirma dan id-dokument Luke Azzopardi għas-Soċjeta' konvenuta.

**17.** Jidher li din il-frażi teħles lill-bejjiegħ mill-iskariġġ li altrimenti kien ikollu, kieku ma inkarigax lis-Soċjeta' konvenuta. Fost oħrajn <u>jekk irid</u> billi

ma jgħabbiex it-tabija fuq il-mezz tat-trasport. Jekk pero' dan jitgħabba mill-bejjiegħ, kif bħal donnha qed tallega is-Soċjeta' konvenuta, hu jibqa' xorta meħlus minn kull dannu li jiġri.

**18.** Fil-każ in eżami ma jidhirx li l-merkanzija ġiet mgħobbija mis-Soċjeta' assigurata, iżda kif jixhed Darren Falzon il-burdnar, il-merkanzija kienet lesta *stacked* u hu kemm poġġiha fit-trailer *b'fork lifters* kif kienu stacked mill-ħaddiema tas-Soċjeta' assigurata. Kif kienu, stivahom fit-trailer (ara a' fol 79 sa 81). Din il-versjoni tal-burdnar hija ukoll korroborata mix-xhieda ta' Kevin Zammit li jaħdem ma' Methode Electronics (a' fol 58).

**19.** Lill-Qorti jirrisultalha b'mod ċar, anke mill-kwantita' ta' ritratti esebiti, li dak li ġara huwa li merkanzija kienet sofriet ħsara minħabba li fuqha tqiegħdet fuqha merkanzija li hija itqal. F'ittra elettronika datata 19 ta' Ottubru 2020 rappresentatriċi tas-Soċjeta' konvenuta intqal hekk:

"*It is understood that the root cause of the damage is the actual packinging and stowage of the cartons on the pallets prior to handling and loadinin so neither we, Kuehne+Nagel Malta nor Kuenhe-Nagel Ausburg nor anybody subcontracted by either company can be held liable for any loss or damage sustained by your cargo and any adverse consequences therefrom*" (a' fol 91).

**20.** Fid-dawl ta' dak li xehdu il-burdnar u Kevin Zammit, il-konklużjonijiet milħuqa f'din l-ittra jagħmlu sens u huma verosimili ta' dak

li ġara. Huwa ċar, li fil-mument li ħarget il-*waybill*, ma setgħux isiru osservazzjonijiet dwar l-istat tal-merkanzija għaliex sal-mument li tgħabbiet ma kienx għad hemm ħsara. Il-ħsara saret tul il-vjaġġ bit-toqol ta' merkanzija fuq oħra.

**21.** Tajjeb li jingħad li l-klijent irrifjuta li jħallas għall-parts għax waslu bil-ħsara u kien wara dan li saret il-claim mas-Soċjeta' Attriċi (ara affidavit ta' Marco Abela a' fol 68). Fil-waqt li Priscilla Gatt, impjegata ma Methode, tixhed "*Methode ibbukjat is-servizz ta' Keunhe+Nagel pero' ma konniex ahna li hallsanihom ghaliex, <u>kif gja' gie spjegat, ix-xoghol kien ex works"</u>* (a' fol 70). Dan huwa konformi mat-tifsira tal-frażi imsemmija kif fuq spjegat, għaliex strettament Methode ma kellha twieġeb għal ebda ħlas, l-anqas għall-hsara di fronte tal-klijent tagħha. Semmai, kellu jkun dan tal-aħħar li jfittex għal ħsara hu jew tramite s-Soċjeta' Assiguratriċi tiegħu billi jduru fuq min kien effettivament responsabbli u dan fid-dawl li aċċetta li jirċievi l-merkanzija ex works.

**22.** Dan huwa ukoll konformi ma dak li jistipula artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili li "*Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; <u>u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej</u>*". (Emfażi tal-Qorti).

**23.** Għalkemm huwa minnu li skond il-prinċipji legali involuti, fil-każ inkwistjoni it-trasportatur (*carrier*) għandu oneru ta' prova itqal minn dak li

solitament rikjest taħt artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tħoss, li s-Soċjeta' konvenuta rnexxielha tipprova li ma tistax tinżamm responsabbli għal din il-ħsara għaliex dak li ġara ma kienx tort tagħha. Di piu', l-merkanzija ntbagħtet *ex-works,* li tfisser li hekk kif il-merkanzija telqet mill-fabbrika tas-Soċjeta' assigurata, kull riskju kien fuq ix-xerrej.

**24.** Għalhekk fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula, din il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeciedi l-kawża bil-mod segwenti:

Fil-waqt li qed **tilqa' it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet** qed **tiċħad** it-talbiet Attriċi.

Spejjes a' karigu tas-Soċjeta' Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**